MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 247/2010/1

**Isabelle Rossi**

**v.**

**Michael Rossi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici Isabelle Rossi pprezentat fil-21 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu ppremettiet:

“1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta’ Frar 1996 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

“2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’qerq dwar xi kwalita’ tal-attrici li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew iktar tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“5. Illi l-attrici ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghal zwieg kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“6. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

“i) Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-17 ta’ Frar 1996.

“Bl-ispejjez u l-konvenuta ingunta in subizzjoni.”

Rat illi l-konvenut naqas milli jipprezenta risposta guramentata wara li ta ruhu notifikat bl-atti tal-kawza seduta stante u allura huwa kontumaci skont il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fit-18 ta’ Ottubru 2011 li permezz taghha l-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha;

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza zzewgu fl-1996. Ir-rikorrenti kellha 22 sena u l-intimat kellu 26. Hames snin wara z-zwieg kellhom tarbija u tlett snin wara tarbija ohra. Issa, wara hmistax-il sena zwieg, ir-rikorrenti qed titlob lill-Qorti tiddikjara li z-zwieg taghha huwa null.

“L-ewwel kawzali li tinvoka hija dik tal-qerq a tenur tal-Art. 19(1)(c) tal-Kap. 255. Il-Qorti ma sabet xejn fil-ftit provi li gew imressqa li jwassalha biex tislet xi hjiel ta’ qerq. Tissemma’ l-problema tad-diabete li zewgha jbati minnha. Fl-affidavit taghha donnha tghid li wara z-zwieg irrealizzat li sehemha fil-kontroll tal-kundizzjoni ta’ zewgha kien tqil wisq. Il-Qorti ma tistax taghti piz li dan, u ma temminx lir-rikorrenti li kienet sorpriza dwar kemm-il darba kellu jiehu l-injezzjonijiet jew jezamina d-demm tieghu. Kienet ilha gharusa mieghu hames snin. Infatti, fl-affidavit ta’ zewgha stess, li f’hafna aspetti huwa kwazi kopja taghha, lanqas biss ma jsemmi diabete.

“L-insenjament ta’ dawn il-Qrati, in relazzjoni mal-kawzali tal-qerq gie kristalizzat mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**” (deciza fit-13 ta’ Marzu, 1995), fejn il-Qorti rriteniet illi:

““*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.*”

“Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma ssib xejn minn dan.

“Ir-rikorrenti ssejjes il-kawza taghha ukoll fuq il-provvediment tal-Art. 19(1)(d) tal-Kap. 255.

“F’materja ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, dawn il-Qrati jsostnu illi:

""*B'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita', il-parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg*", ("**Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-4 ta' Novembru, 1994).

"*Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**Isabelle Zarb vs Stephen Attard**, gja' citata). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati, il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom*", ("**Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Settembru 1997).

"*Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi minn dik il-fakolta' kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla*

*zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara, "***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri***", P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ("***Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt***", P.A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, "***Jacqueline Cousin v. Bernard Simler***", P.A., 3/6/98; "***Rosanne Cassar v. Kenneth Cassar***", P.A., 19/10/98; u "***Carmelo Grima v. Mary Andrews***", P.A., 2/11/98)*", ("**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-26 ta' Ottubru, 2000).

"Il-Qorti ma tirravisa xejn minn dan kollu fil-kaz in ezami. Hija r-rikorrenti stess li tammetti fl-affidavit taghha:

""*Bdejt relazzjoni ma' persuna ohra u hawnhekk komplejt nikkonferma kemm iz-zwieg tieghi kien zball u li qatt ma kien imissni zzewwigt.*"

"Infatti hija tkompli tghid:

""*Wara ftit Michael induna bir-relazzjoni li kont bdejt u f'qasir zmien wasalna ghal separazzjoni bonarja.*"

"Ir-rikorrenti tinvoka ukoll l-Art. 19(1)(f). F'dan il-kuntest, il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Josette Spiteri nee' Scicluna vs George Spiteri**", (deciza fid-9 ta' Frar, 2001):

""*Dana d-difett – is-simulazzjoni tal-kunsens – gie ezaminat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti (ara, inter alia, "Anna Galea vs. John Walsh", (30 ta' Marzu, 1995) u "Dr.*

*Stephen Muscat vs. Maria Borg Grech", (14 ta' Awissu, 1995). Biex jirrizulta dana d-difett irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-parti in kwistjoni (jew iz-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun eskludiet b'att pozittiv tal-volonta' iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.*"

"Anke meta wiehed jikkonsidra l-perjodu ta' wara l-ghoti tal-kunsens, ma jirriskontra ebda hjiel ta' eskluzjoni. Iz-zwieg bejn il-partijiet dam snin, twieldu zewgt itfal u, infatti, fi kliem zewgha stess:

""*Kellna zewgt itfal. Maximus twieled fl-2001 u Alex fl-2005. Waqt it-tieni tqala u wara, Isabelle regghet saret anzjuza hafna. Jien bdejt inhoss illi l-affett taghha lejja naqas izjed. Baqghet hekk is-sitwazzjoni sakemm eventwalment skoprejt li kien qed ikollha relazzjoni ma' ragel iehor. Meta indunajt b'dan kont ikkonfrontajtha. Isabelle kienet determinata illi tmur tghix ma' dan ir-ragel. Kien ghalhekk illi ma kienx hemm triq ohra hlief illi nipprocedu ghal separazzjoni u fil-fatt iffirmajna kuntratt ta' separazzjoni bonarja.*"

"Finalment, ir-rikorrenti ssemmi bhala vizzju tal-kunsens, il-provvediment tal-Art. 19(1)(h). Il-Qorti ser tqis li dan qed isir in relazzjoni ma' dak pruvat illi f'xi zmien qabel iz-zwieg u ftit wara hija kienet affetta minn ansjeta' u fil-fatt, irrikorriet ghand psikjatra. Ic-certifikat rilaxxat mill-psikjatra u minnu konfermat bil-gurament jikkonferma li wara tlett xhur mid-data taz-zwieg hija ma baqghetx taht il-kura tal-psikjatra. Regghet kellmitu biss wara li bdew il-proceduri ghall-annullament taz-zwieg u urietu l-affidavit minnha redatt. Li jikkonferma t-tabib jaghmlu biss "*in retrospect*". Infatti jghid hekk:

""*In retrospect I can confirm that her anxiety was mainly due to her conflicts over her relationship with her then fiance' Michael Rossi. Since she had never disclosed this to me, I could not have advised her about the problems that she may encounter in future due to this.*

*“Having read her affidavit I can conclude that she was not in love with him and should not have married him.*”

“F’ghajnejn il-Qorti, ir-rikorrenti, lanqas id-dettami ta’ dan il-provvediment ma rnexxielha tipprova.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza msemmija billi tilqa’ t-talbiet taghha u tiddikjara z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet bhala null u bla effett;

Rat ir-risposta tal-konvenut;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

Bazikament l-appellanti qed tilmenta illi ghall-kuntrarju ta’ dak kontenut fis-sentenza appellata, hija ressqet provi bizzejjed biex il-Qorti kellha tiddikjara z-zwieg null skont l-Artikolu 19 (1) (c) (d) u (f) u (h) tal-Att dwar iz-Zwieg. Il-konvenut appellat fir-risposta tieghu qed jitlob ukoll it-thassir tas-sentenza u li z-zwieg jigi dikjarat null.

Il-Qorti naturalment taqbel illi kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f’materja ta’ zwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b’hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kollizjoni imma f’ kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta’ zwieg jiddecidu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-*

*istess zwieg ghandhu jigi annullat pero' dan ma ghandhux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (**Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991).

Dan japplika *multo magis* fejn il-konvenut ikun kontumaci bhalma hu f'din il-kawza ghaliex naturalment, il-kontumacja mhijiex ammissjoni izda kontestazzjoni ghalkemm f'dan l-istadju (cioe` tal-appell) il-konvenut qed jaderixxi mat-talba attrici. Ma hemmx dubbju pero` li f'kawza bhal din l-ammissjoni tal-parti konvenuta ma jfissirx necessarjament li l-Qorti ghandha bilfors taqbel mat-talba u takkordaha kif spjegat tajjeb fis-sentenza appena citata.

Qabel ma tezamina l-aggravji tajjeb li l-Qorti tirriproduci parti sostanzjali u l-aktar rilevanti mill-affidavit tal-istess appellanti li fuqu l-istess appellanti qed tibbaza t-talba taghha.

L-attrici qalet hekk:

"Jien pero dejjem kelli d-dubji tieghi. Qatt ma hassejtni konvinta mir-relazzjoni tieghi ma' Michael. Qabel ma tgharrasna u sal-gurnata li zzewwigna dejjem hassejt li ma stajtx nesprimi lili nnifsi u ma kelli lil hadd ma' min nitkellem. Ma kellix ma' min niftah qalbi. Huti ma kellix. Esperjenzi ma' guvintur ohra ftit li xejn kelli. Hbieb dak z-zmien (hbieb intimi) ma kellix, lanqas wahda! Jien u Mike ma konna niltaqghu ma' hadd. Xoghol matul il-gurnata, niltaqghu fil-ghaxija u l-gurnata kienet tghaddi minghajr ma qatt kelli qatt l-opportunita' niddiskuti din il-haga intima tieghi ma hadd.

"Kont ippruvajt nitkellem ma' ommi kemm-il darba pero`. Izda din qatt ma kienet taghti kas ta' dak li probabilment jien stess kont qed insib difficli li nghid. Kont kultant naghmel kuragg u nghidilha li ma kontx inhobb lil Michael. Izda din wara l-battikata li kont niehu biex forsi fl-ahhar nesprimi lili nnifsi ma' xi hadd kienet taqtali fil-qasir b'xi

klien bhal "Aqtahha, mela ha toqghod tigi bl-inkwiet issa?" JEW "Mela ma tarax kemm ihobbok u kemm jirrispettak, trid tispicca wahdek?" JEW fit-tmien xhur qabel li zzewigna kont qbadt l-argument ma' ommi forsi darbtejn, darba minnhom konna qeghdin niehdu cafe' tas-Sliema u ghidtilha dawn il-precizi kelmiet "Ma, ma nafx kif qed narah lil Mike, ma nhossnix sew mieghu" u rrisponditni hekk: " Din il-frazi ghidtieli kemm 'il darba, kulhadd ihossu incert, issa ma tarax ha nhassru l-gurnata tat-tieg, issa daqt jasal it-tieg u teghda bir-rigali u d-dar li xtralek missierek u thossok ahjar!!"

"Fi Frar 1996 izzewwigna. Kif bdejt nghix ma' Michael hassejt li kien hemm xi haga nieqsa. Fil-fatt lanqas ghal 'honeymoon' ma morna. Relazzjonijiet intimi ftit kien hemm u jien ghall-ewwel ma ridtx tfal. Apparti minn hekk kif izzewwigt Michael kien talab l-ghajnuna tieghi biex naghtih l-injection ta' l-insulina. Michael kellu bzonn din l-injection darbtejn jew tlitt darbiet kuljum. Apparti minn hekk Michael kellu bzonn ukoll li ntaqqablu widnejh xi hames jew sitt darbiet kuljum biex jikkontrolla l-livell ta' zokkor. Qabel ma jiekol, isuq jew jimxi jrid jiccekkja l-livell ta' zokkor biex jadatta kollox skond dan il-livell. Din il-haga ma setax jaghmilha wahdu. Jiena meta gejt ghas-si u n-no u rrealizzajt li kelli nghinu b'dawn l-affarijiet kollha indunajt illi kont dhalt ghal xi haga li ma kontx niflah ghaliha. Id-diabete ta' Michael kienet wahda qawwija tant illi kif kien jinzillu z-zokkor kien jintilef minn sensieh. Ghalhekk ma stajtx tafdah wahdu. Dan qatt ma kont apprezzajtu qabel.

"Jien ftit granet wara li zzewwigna kont ghadt lil Michael ir-raguni vera ghalfejn kont qed niehu il-medikazzjoni li kont qed niehu, u cioe r-relazzjoni ta' bejnietna. Michael irrabja hafna ghaliex hass illi kont qarraqt bih meta m'ghadtlux sa wara t-tieg.

"Ftit gimghat wara li zzewwigt jien hassejt illi, ladarba kont izzewwigt u bdejt hajja gdida, forsi issa stajt nghaddi minghajr il-medikazzjoni u fil-fatt kont qbadt u waqqafthom. Hekk kif waqqafthom pero ergajt hassejtni anzjuza hafna u ergajt ikkonfermajt mieghi innifsi illi kont ghamilt zball kbir li zzewwigt ghaliex lil Michael ma kontx

inhobbu u ma kontx attratta lejh. Irrealizzajt ukoll li kont imxejt lejn it-triq taz-zwieg minghajr ma qatt inqis jekk ir-ragel li kont ser nizzewweg kienx ir-ragel li ridt inqatta' hajti mieghu. Dan pero irrealizzajtu tard wisq.

"Wara ftit Michael induna bir-relazzjoni li kont bdejt u f'qasir zmien wasalna ghal separazzjoni bonarja."

L-ewwel kawzali u cioe` s-subinciz (c) huwa dak tal-qerq; din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li ma tirriskontra ebda qerq, fis-sens moghti mill-gurisprudenza nostrali, fl-atti tal-kawza.
Fir-rigward tas-subinciz (c) infatti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Mary Farrugia v. Joseph Farrugia** (13 ta' Marzu 1995) qalet illi:

*"Biex tissussisti s-sitazzjoni ravvistat fil-paragrafu inkwistjoni iridu jikkonkorru erbgha affarijiet;*

*"1. Il-qerq ipperpetrat bil-hsieb li jikseb il-kunsens tl-parti;*

*"2. Li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*

*"3. Li l-qerq ikun jirrigwardja xi kwalita' tal-parti l-ohra u*

*"4. Li din il-kwalita' tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

Fi kliem iehor irid ikun hemm intenzjoni biex parti tigi konvinta tersaq ghaz-zwieg tramite raggiri li jqarrqu lil dik il-parti billi per ezempju jahbu difetti serji jew addirittura jikkonvincuha minn pregji li ma jezistux. Il-fatt li l-appellanti kellha ansjeta` malli zzewget ghaliex irrejalizzat li kien ser jkun difficli li tghix mal-appellat minhabba l-kundizzjoni tad-diabete (xi haga li kienet taf biha kif ammettiet hija stess) zgur ma jfissirx li hija qarrqet jew tqarrqet fis-sens imsemmi. Per ezempju fis-sentenza **Charles Mifsud v. Anna Ignacikova** (13 ta' Novembru 2002), citata mill-appellanti fir-rikors tal-appell, il-Qorti laqghet it-talba ghall-

annullament ghaliex il-konvenuta hbiet mill-attur il-fatt li minhabba problem fizici hija ma setghetx ikollha l-ulied.

Kwanti ghaz-zewg sub incizi (d) u (f) li fuqhom l-attrici appellanti qed tibbaza t-talba taghha dawn huma spjegati tajjeb mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Bernardette Zammit** (27 ta' Jannar 2006) b'dan il-mod:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z- zwieg bejn il-kontendenti ghandhu jkun presunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*"... is-sub inciz (d) fuq imsemmi jsemmi ukoll li z-zwieg ikun null jekk ikun affetwat b' anomalija psikologika serja u taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Ta' min jenfasizza hawn li l-ligi taghna tirrikjedi li l-anomalija psikologika tkun tali li taghmilha impossibbli u mhux semplicement difficli li wiehed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taz-zwieg jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*"Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b' att posittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandhu jigi enfasizzat li nullita' ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni propjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita' ta' zwieg minhabba nuqqas ta' eskluzzjoni ta' gudizzju. L-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti fil-*

*waqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita' intelletwali, propju l-att posittiv tal-volonta' li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."*

Fil-kawza **Nicholas Agius v. Rita Agius** (25 ta' Mejju 1995) intqal illi *"b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irirkjeda maturita' shiha u perfetta ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg."* F'dan is-sens gew decizi ukoll il-kawzi **Angela Spiteri v. Joseph Spiteri** (4 ta' Novembru 1994), **Robert Attard v. Josephine Attard** (18 ta' Ottubru 1995) u **Janet Portelli v. Victor Portelli** (14 ta' Awwissu 1995).

Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Mizzi v. Maris Mizzi** (15 ta' Novembru 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li *"biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddecidi liberament (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta tal-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Fi kliem iehor il-Qorti korrettement indikat li dawn iz-zewg kawzali ma jistghux jissussistu flimkien u mill-provi prodotti mill-attrici f'din il-kawza din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-Qorti tal-Familja li ma rrizultawx l-estremi biex iz-zwieg jigi annullat.

Infatti fil-kawza **"Anthony Gallo v. Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a*

*priori certi obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid v. Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Imbaghad, ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cioe` simulazzjoni parzjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed v. Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina v. Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech v. Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). F'dan il-kaz il-partijiet ghexu ta' mizzewgin ghal diversi snin u kellhom l-ulied; allura difficli wiehed jikkoncilja dan il-fatt ma' allegazzjoni ta' nullita` a bazi ta' dawn iz-zewg sub incizi. Jekk wiehed jezamina r-rikors tal-appell infatti kull ma jsib huma lista ta' sitwazzjonijiet fejn l-appellanti baqghet issostni li ma kinitx kuntenta fiz-zwieg u l-implikazzjonijiet u l-effetti kollha li dan igib mieghu; cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti biex tilqa' t-talba ghal separazzjoni izda mhux ghal annullament. Ma hemm xejn bhala fatt dwar eskluzjoni pozittiva ta' xi element essenzjali taz-zwieg jew difett ta' diskrezzjoni kif spjegat.

Finalment, kwantu ghas-sub inciz (h) l-appellanti ma inkluditux fl-aggravji taghha fir-rikors tal-appell u allura fir-rigward tal-istess, is-sentenza ghaddiet in gudikat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------